MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 879/2014

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Anthony sive Antoine Vassallo u Antonia Vassallo**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ghas-sospenzjoni tas-subbasta maghmul minn Anthony u Antonia Vassallo;

Rat ir-risposta tal-HSBC Bank Malta plc;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tissospendi bejgh b'subbasta ordnat mill-Qorti. L-istess rikorrenti qed jikkontendu li tali sospensjoni hi mehtiega peress li ntavolaw kawza quddiem il-Qorti sabiex jigu dikjarati nulli l-atti tas-subbasta ghal diversi ragunijiet ta' natura procedurali fl-atti tal-istess subbasta.

Bazikament din il-Qorti tqis illi dik li effettivament qed jaghmlu r-rikorrenti hu li jitolbu li s-subbasta tigi revokata u ghalhekk intalbet is-sospensjoni tal-bejgh pendenti l-ezitu ta' din il-kawza.

Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 281 tal-Kap. 12 fejn il-legislatur holoq qafas procedurali appozitu fi hdan l-artikolu tal-ligi relattiv ghal bejgh b'subbasta, kif subbasta tista' tigi revokata. Fil-fatt l-artikolu 281(1) jistipula li din it-talba issir b'rikors semplici u l-istess artikolu imbaghad jimponi termini stretti biex il-kwistjoni tigi deciza. Tali artikolu hi intiz sabiex id-debitur jew terz interessat ikollu l-protezzjoni mehtiega kontra xi nuqqas fil-proceduri tas-subbasta u l-kreditur ma jigix pregudikat fid-drittijiet tieghu bi proceduri maghmula mod iehor bi skop li jtellfu jew jdewwmu l-atti tas-subbasta.

Il-Qorti tqis li ghandha tintratjeni rikors ghal sospensjoni biss fic-cirkostanzi li jsir tali rikors a bazi tal-artikolu appozitu li jirregola s-subbasta.

Il-Qorti ma thossx illi l-procedura adoperata mir-rikorrent, valida o meno fl-ambitu tal-gurisdizzjoni generali tal-Qorti Civili, tista' twassal biex din il-Qorti tintratjeni rikors ghal sospensjoni meta din il-Qorti mhix ukoll rinfaccjata b'rikors ghar-revoka fl-istess atti tas-subbasta kif trid il-ligi u kif jidher li kienet l-intenzjoni tal-legislatur mill-mod kif inhu redatt l-istess artikolu.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tiddecied illi r-rikors ta' sospensjoni fl-atti tal-proceduri ta' subbasta mhix sorrett b'talba ghal revoka skond il-ligi fl-istess atti skond ma jipprovdi l-artikolu 281 u kwindi qed tichad it-talba, salv u impregudikati d-drittijiet tar-rikorenti bil-proceduri mehudin minnu quddiem il-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni generali taghha. Spejjez ghar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------